Fost l-artikli marbutin ma' kull suġġett ta' kull ħarġa, wieħed isib dawk b'aspett bibbliku, patristiku, liturġiku jew ta' tagħrif storiku. Tingħata wkoll tifsira ta' ikona marjana b'tagħrif dettaljat kif ukoll servizz ta' *Lectio Divina* dwar it-test relatat meħud mill-Iskrittura. Żewġ paġni oħra jkollhom messaġġ b'tifsir u stampi addattati għaż-żgħar. Fost il-qari bl-Ingliż, għal 13-il puntata, kellna interessanti l-artikli *"The Shrine of the Blessed Virgin of Ta' Pinu"*, ġrajjiet storiċi b'tagħrif rivedut mill-E.T. Mons. N. Cauchi, Isqof Emeritu.

Għalkemm tidher l-iktar bħala rivista għal kategorija ta' ċertu livell, xorta tista' tkun f'idejn gruppi li jgħinu lil xulxin fil-qari tagħha dwar il-Madonna.

## SEMINARJU B'VIŻJONI 'L BARRA MINN XTUTNA

Is-sena intermedjarja għas-seminaristi issa daħlet fit-30 sena tagħha mindu fl-1977 kienu siefru 2 studenti bħala waqfa wara l-ewwel 3 snin ta' studju fis-seminarju maġġuri.

L-għan ewlieni ta' din il-waqfa jidher spjegat fid-Direttorju tal-formazzjoni fil-parti fejn hija mfissra l-linja gwida tas-seminarju. "Waqt li jħalli s-seminarju, il-familja u 'l pajjiżu, is-seminarista imur fi djoċesi oħra u fl-istess ħin jibqa' f'kuntatt ma' saċerdoti oħrajn f'ħidma pastorali. Għalih huwa żmien li matulu jkun jista' jagħmel evalwazzjoni u dixxerniment aħjar ħalli jiddeċiedi b'impenn iktar ċar dwar l-għażla tiegħu wara Kristu fil-ħajja saċerdotali".

Matul is-snin il-possibiltajiet fis-safar baqgħu jvarjaw anki rigward il-pajjiżi fejn marru. L-għażla ssir b'konsultazzjoni wiesgħa waqt li jiġu kkonsidrati għadd ta' fatturi skond l-individwu li jkun. L-arranġamenti mhux dejjem isiru ma' saċerdoti għawdxin, li x'uħud minnhom ikunu qed iservu ta' kappillani. Hemm dawk li jiġu milqugħin minn barranin, dejjem bl-approvazzjoni tas-superjuri tagħhom. Tingħata l-attenzjoni meħtieġa matul il-perijodu tas-safar u ma jiġux nieqsa l-kuntatti minn kull naħa, inklużi s-superjuri tas-seminarju.

Fuq medda ta' tant snin l-esperjenzi tal-ħidma f'postijiet oħra varjaw sewwa. Min fi djar tat-tfal jew ta' l-anzjani, min f'istituti tal-morda jew b'persuni b'diżabilita', min fi skejjel kattoliċi jew f'kulleġġi tar-reliġjużi. Jekk ikunu fir-residenza tal-parroċċa, is-seminaristi kienu jwettqu xogħol pastorali bħala ministri straordinarji tat-tqarbin, ħsieb ta' l-abbatini, laqgħat ta' gruppi parrokkjali, katekeżi ma' dawk li ssirilhom tħejjija għas-sagramenti, animazzjoni f'servizzi liturġiċi jew żjajar fi sptarijiet jew *homes*.




Għadd ta' seminaristi għarfu jgħaddu s-sena intermedjarja tagħhom f'esperjenzi missjunarji f'xi pajjiż fl-Afrika jew fl-Amerka Latina. Oħrajn għażlu li parti mis-safar tagħhom tinkludi xi pajjiż tat-tielet dinja. Ħafna minn dawn l-esperjenzi msemmija jitwasslu lill-benefatturi tas-seminarju permezz tar-rivista ACTION li tiġi stampata darbtejn fis-sena. Il-Grupp Missjunarju tas-seminaristi jibqa' juri interess f'dar-rigward permezz ta' attivitajiet li jorganizza matul is-sena skolastika, bħalma huma stedinet ta' saċerdoti msefrin li jkunu fostna biex jisimgħu iktar dwar il-missjoni tagħhom.

Barra minn dan, kull sajf jibqa' joffri okkażjonijiet ta' iktar safar lis-seminaristi għal esperjenzi qosra f'ħidmiet differenti. Mhux ta' min iħalli barra lil dawk li jmorru bħala assistenti ma' l-abbatini maltin li jservu fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-Vatikan.

Dan kollu huwa integrat fil-formazzjoni tas-saċerdoti futuri u żgur li jservi bħala tħejjija xierqa għall-ħidma pastorali anki meta wara l-ordinazzjoni jmorru f'artijiet oħra. Dan huwa aspett ieħor importanti dwar l-universalita' tal-Knisja, kif inhu tant mixtieq mill-istess sejħa li jagħmel il-Mulej.

## MOVIMENT DINJI TA' TALB GĦAS-SAĊERDOTI

*L-intervista ma' xi membru tal-kleru li jinsab imsiefer did-darba hija differenti. Qed inġibu siltiet mit-tweġibiet li ta l-***Kard. Claudio Hummes OFM,** *il-Prefett il-ġdid tal-Kongregazzjoni għall-Kleru mill-2006.*

*Kard. Hummes isemmi l-importanza ta' iktar talb bl-adorazzjoni għall-qdusija tal-kleru, it-twaqqif tal-"Kmamar ta' Fuq" f'rabta ma' l-Ewkaristija, il-maternita' spiritwali għas-saċerdoti, u l-ħtieġa ta' riparazzjoni għall-ħsara li saret lil xi vittmi.*

**Q. Why is there such a pressing need to further this initiative for reparation for the shortcomings of priests and for their sanctification at this very moment?**

**A.** There have always been problems because we are all sinners. Today, however, events that really are very serious have been pointed out. Obviously, it should always be remembered that only a minimal part of the clergy is involved in these grave situations. Not even as much as 1 percent of the clergy has anything to do with problems of moral and sexual conduct. The overwhelming majority have absolutely nothing to do with this kind of thing.

But to continue to live their own vocation and mission in the contemporary world all priests need spiritual assistance. Moreover, the Church has always prayed for the atonement of the sins of all. This, for instance, is one of the characteristics of the traditional devotion to the Sacred Heart of Jesus.

**Q. What does this specific initiative entail?**

**A.** We thought of two distinct forms: Eucharistic adoration, perpetual if possible, and spiritual motherhood for priests. Even though these are two different realities, they are very often combined precisely in Eucharistic adoration.

**Q. Did you send a letter to the Bishops? What did you ask them?**

**A.** We suggested to the Bishops that they promote in their Dioceses true and proper "Upper Rooms", where consecrated and lay people, joining forces and in a spirit of true communion, can pray for genuinely real reparation and purification in the form of continuous Eucharistic adoration, through the intercession of the Mother of God.

**Q. Do women religious have a special role?**

**A.** After Mary's example, consecrated women can spiritually adopt priests and help them with the offering of themselves, with prayer and with penance. This initiative makes it possible to acquire an ever greater knowledge of the ontological link between the Eucharist and the priest, as well as of the special motherhood of Mary with regard to all priests.

**Q. What does being a spiritual mother to priests mean?**

**A.** The vocation to be a spiritual mother to priests is too little known, hardly understood and thus rarely lived, despite its vital and fundamental importance. Independently of their age and civil status, all women may become spiritual mothers to a priest. This applies especially to women missionaries and Religious who offer their whole life to God for the sanctification of humanity. Offering spiritual motherhood therefore means being people who pray for a specific priest and thus accompany him throughout his life, usually anonymously. History tells us, moreover, that this bears important spiritual fruits for priests.

*Il-maternita' spiritwali ma teskludix il-fraternita' spiritwali li bħala inizjattiva tad-djoċesi mis-sena l-oħra s-saċerdoti kollha titqassmilhom il-lista sħiħa tagħhom, imqassma fi gruppi b'mod alfabetiku, biex f'kull ġurnata tax-xahar isir talb speċjali għall-persuni ta' dak inhar. Dan nistgħu nghixuh anki f'rabta mas-Sena Pawlina li esprima xewqtu meta qalilna: "Jien niftakar fikom dejjem fit-talb tiegħi" (Rum 1, 9).*

**NINGĦAQDU LKOLL MA' MONS. ISQOF MARIO GRECH BIEX NAWGURAW**
**L-GĦID IT-TAJJEB**
**LIL XULXIN B'ĦEĠĠA QADDISA U DEJJEM IMĠEDDA BIT-TISĦIĦ FIL-WEGĦDIET SAĊERDOTALI TAGĦNA NHAR ĦAMIS IX-XIRKA, 20 TA' MARZU**

## MESSAĠĠ TA' L-ISQOF

Qed nikteb dan il-messaġġ fil-bażilika ta' Nazareth, quddiem il-grotta fejn skond it-tradizzjoni l-Anġlu ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla. Mhix l-ewwel darba li ġejt nitlob f'dan is-Santwarju; imma hija l-ewwel darba li għandi l-grazzja li nikkontempla l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni fil-kumpanija sabiħa tal-komunità tas-Seminarju Maġġuri tagħna - seminaristi, superjuri u xi għalliema.

Imma għandi motiv ieħor għaliex il-waqfa f'dan is-Santwarju din is-sena għandha tifsira partikulari: għax propju skond il-Pjan Pastorali attwali, hija l-ikona ta' Marija ti tinsab disposta biex tilqa' l-Kelma li qed takkompanjana fl-impenn li qed nagħmlu biex inkunu "Ħbieb ta' l-Evanġelju".

Kif kelli l-okkażjoni nirrifletti mas-saċerdoti fid-diskors li għamiltilhom fil-laqgħa tal-bdil ta' l-awguri ta' l-ewwel tas-sena (5 ta' Jannar 2008), il-Knisja hija *"creatura Verbi"*. Hija l-Kelma t'Alla li tibnina u tqaddisna. Aħna s-saċerdoti msejħin biex, bħala ministri tal-Kelma, inlaqqgħu l-Kelma mal-bniedem ta' llum biex tkun din il-Kelma li tibnih u tigwidah.

Għalhekk f'dan is-Santwarju, fejn bis-sehem ta' Marija l-Verb sar bniedem u għammar fostna, jien konxju mill-fatt li xi drabi jista' jiġrilna bħal-Lhud li "l-kelma kienet moħbija għalihom li ma setgħux jifhmu" (Lq. 9,45). Għalhekk tlabt għalikom, ħuti fis-saċerdozju, biex fuq l-eżempju ta' Marija, Omm is-saċerdot, u bl-għajnuna tagħha, tkomplu tistinkaw biex bit-talb u bl-istudju tapprofondixxu aktar il-Kelma, biex imbagħad twassluha lill-oħrajn.

F'dan il-kuntest, irrid infisser l-apprezzament tiegħi għall-ħidma li intom twettqu biex tgħinu lill-komunità nisranija tibqa' tkun *"creatura Verbi"*.

Insellmilkom bl-istess tislima li kellu l-Anġlu Gabriel għal Marija: "Il-Mulej magħkom".

12 ta' Frar 2008

+ Mario Grech
Isqof t'Għawdex

GĦID 2008 Nru. 59

## UNITY BUILT BY PRAYER

At the end of the Week of Prayer for Christian Unity, we are even more conscious that the task of restoring unity, which demands all our energy and efforts, is infinitely above our own possibilities. Unity with God and our brothers and sisters is a gift that comes from on high, which flows from the communion of love between Father, Son and Holy Spirit in which it is increased and perfected.

It is not in our power to decide when or how this unity will be fully achieved. Only God can do it! Like St Paul, let us also place our hope and trust "in the grace of God which is with us".

At the end of his Letter to the Christians of Thessalonica, he added a series of very concrete exhortations: to encourage the participation of all, to sustain the week, to be patient and not to repay evil for evil to anyone but to always seek good, to rejoice and to give thanks on every occasion.

Paul puts the imperative "pray without ceasing" in the midst of these exhortations. In fact, the other recommendations would lose their power and coherence were they not sustained by prayer. Unity with God and with others is built first of all through a life of prayer, in the constant search for "the will of God in Christ Jesus for us".

The invitation St Paul addressed to the Thesalonians is still timely. In the face of the shortcomings and sins that still prevent the full communion of Christians, each of these exhortations has retained its relevance, but this is particularly true of the order "pray without ceasing".

Our desire for unity must not be limited to isolated occasions; it must become an integral part of our whole prayer life.

*(P. Benedict XVI at the Vespers Liturgy at the Roman Basilica of St Paul Outside-the-Walls, on 25th January 2008).*

# VOX FRATRUM

HOLQA BEJN IS-SAĊERDOTI GĦAWDXIN IMSEFRIN
Maħruġa mill-Kurja Djoċesana Għawdex

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat il-Kurja lil:*
***MGR. SAVIOUR GRIMA,***
***Delegat tas-Saċerdoti Għawdxin Imsefrin.***
***Email: savgrima@maltanet.net***

## WALES TGĦIN LILL-PERU'

"Ftit qabel il-Milied fil-parroċċa ta' La Tomilla sar il-ftuħ ta' kumpless li se jservi bħala klinika, żewġ sulari minnu huwa ċentru għaż-żgħażagħ u kċina fejn il-familji foqra jkunu jistgħu jiġu jieklu b'xejn kuljum". Inkarigat minn din il-parroċċa hemm **Fr. Giovanni Cefai MSSP** (Żebbuġ) li fl-istess okkażjoni fakkar ukoll l-10 anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu flimkien ma' **Fr. Victor Zammit MSSP**, miż-Żebbuġ ukoll.



*Sistema ta' xogħol fejn madwar 22 persuna, kbar u żgħar, irġiel u nisa, qed jagħtu l-bejt tal-kċina.*

Fr Giovann xtaq li ma jħallix barra lil ħuħ **Fr. Joseph** li ġie minn Wales fejn ilu jaqdi l-ħidma saċerdotali tiegħu mill-1973. "Ħija Fr. Joe flimkien mal-parruċċani tiegħu huwa benefattur tagħna. Għalhekk kien jixraq li jattendi għal din iċ-ċelebrazzjoni u jiftaħ u jbierek parti mill-kumpless".

Il-festi kienu jinkludu konċelebrazzjoni fejn kienu preżenti 10 saċerdoti, fosthom is-superjur reġjonali Fr. Victor Livori MSSP li għamel l-omelija. "Wara l-quddiesa għamilna *party* kbir għal dawk kollha preżenti".

Fr. Giovann żied jgħidilna li din kienet it-tielet żjara li Fr. Joe għamel lill-parroċċa tiegħu. "Huwa għandu ħafna għal qalbu l-ħidma missjunarja tas-Soċjeta' ta' San Pawl, u n-nies issa saru jafuh tajjeb u jħobbuh ukoll għall-ħidma li jwettaq qalb il-foqra tagħna u għad-donazzjonijiet li jiġbor mill-parroċċa tiegħu".

Japplika sewwa kliem is-Salmista: *"Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa li l-aħwa jgħammru flimkien" (S. 133, 1)* għax għalkemm l-aħwa Cefai jinsabu bogħod minn xulxin, il-ħsieb u l-qalb jinsabu flimkien.

## SAĊERDOT ĠDID, FROTT TA' GŻIRITNA

Is-sena li għaddiet **Dun Ġużepp Camilleri** (Xewkija) kellu esperjenza partikulari meta assista għall-ordinazzjoni saċerdotali ta' Efrain Peralta, patri franġiskan. "Niftakar l-ewwel darba li ltqajt miegħu kien f'Jalpatagua, meta kellu 15-il sena. Dak inhar għamilli kuraġġ għax qalli li l-Gwatemala tilqagħni bil-ferħ waqt li ttama li nibqa' hemm għal żmien twil.

"Għaddew 15-il sena u qatt ma bsart li dak iż-żagħżugħ kien se jiġi ordnat saċerdot. Ħarisna lejn xulxin u dritt tani x'nifhem li l-grazzja li kien qed jirċievi kienet frott l-imħabba u l-ħidma tal-patrijiet franġiskani maltin, fosthom Patri Pietru Pawl OFM (Nadur). Fil-jum ta' l-ordinazzjoni lmaħt ħafna żgħażagħ għatxana sabiex jisimgħu l-Kelma ta' Alla, qishom merħla kbira mingħajr ragħaj".

Dun Ġużepp sħajlu qed jilmaħ ukoll tant erwieħ oħrajn li fil-futur kellhom jinqdew bis-servizz ta' Patri Peralta għall-ħwejjeġ spiritwali, bħalma huma t-tfal għall-magħmudija jew għall-ewwel tqarbina. Xejn inqas għall-ħtiġijiet oħrajn bħalma huma dawk foqra b'idejhom miftuħa jew għaddejjin mit-tbatija għax neqsin mill-imħabba jew mill-ikel.

"Kif poġġejt idejja fuqu, f'dik il-ħemda profonda, tlabt lill-Mulej sabiex iżommu fl-imħabba tiegħu. Lura f'posti bdejt nirrifletti waħdi fuq it-tjubija tal-Mulej li għoġbu jinqeda bina. Kemm għandna għax ngħożżu dan it-teżor tas-saċerdożju tagħna b'imħabba kbira!

"L-ewwel ma resqet biex titqarben kienet l-għażiża ommu Izabel, mara mdaħħla fiż-żmien imma fuq wiċċha dehret iż-żogħżija tal-qalb". F'kelmtejn fi tmien iċ-ċelebrazzjoni, Patri Peralta rringrazzja li dawk li għenuh waqt li f'isem sħabu l-franġiskani radd ħajr lill-Maltin kollha għax bl-għajnuna tagħhom u b'mod speċjali tal-komunita' franġiskana li fi ħdanha sab appoġġ qawwi għas-sejħa tiegħu.

Dun Ġużepp temm jgħidilna iktar x'ħass. "Xtaqt li Malta kollha kienet preżenti. Dan kien rigal ta' gżiritna, mill-bogħod, minn pajjiżna. Gżira żgħira mżejna b'qalb kbira, mimlija mħabba għal tant nies li jeħtieġu l-imħabba".

### APPUNTAMENT GĦAS-SAJF

Jekk tkun fostna għall-vaganzi tiegħek f'waħda minn dawn il-ġranet: is-**Sibt 12 ta' Lulju** jew is-**Sibt, 23 ta'Awissu**, nistennew li niltaqgħu bħalma għamilna fl-aħħar snin. Xorta nfakkruk permezz ta' stedina flimkien ma' Mons. Isqof u bejnietna naqsmu xi esperjenzi pastorali tagħna.



# B'XEWQAT SBIEĦ FL-GĦID TAL-MULEJ

### SAFAR LI MA JIFRIDNIEX

Nirringrazzjaw lil dawk kollha li kultant joffrulna xi fuljett, bullettin parrokkjali, kalendarju jew *news-sheet* oħra fejn jgħaddulna xi tagħrif ta' l-attivitajiet pastorali li jkunu għaddejjin.

Nirringrazzjaw ukoll lil min mill-iktar fis jinfurmana b'xi tibdil fl-indirizz jew il-parroċċa. Qed nippruvaw inżidu kull xorta ta' mezz ta' komunikazzjoni: *Mobile, Fax, E-mail, website,* eċċ.

Qed nibagħtu "IL-ĦAJJA F'GHAWDEX" b'tant aħbarijiet lokali. L-amministrazzjoni tapprezza kull offerta għall-ispejjeż tal-posta. Grazzi.

## ŻMIEN DIFFIĊLI GĦALL-KENYA

"It-tfal u l-familji jgħidulkom grazzi u jitolbu għalikom. . . . Jalla l-Mulej iżommna dejjem f'saħħitna biex inkomplu naħdmu għal dawn in-nies fqar". L-awguri li xtaq jaqsam magħna **Patri Spiru Galea OFM Kap.** (Għarb) għall-ġranet tal-Milied u tas-Sena l-Ġdida ma damux wisq ma ttappnu bl-ikrah f'ħafna partijiet tal-Kenja minħabba sensiela ta' vjolenza li nħolqot wara l-elezzjoni ġenerali li nżammet f'Diċembru li għadda.

Patri Spiru fakkarna kif marru fil-qasam edukattiv fejn qalilna li "l-iskola primarja fir-raħal ta' Emmaus sejra tajjeb ħafna. F'Hola bdejna nibnu skola tan-*nursery* ukoll. . . Issa qed naħsbu biex nibnu skola sekondarja oħra ħalli l-istudenti jibqgħu għaddejjin minn skola għall-oħra".

Dan mhux kollox għax "bl-għajnuna tal-benefatturi ħafna tfal setgħu jħallsu l-miżata għall-edukazzjoni. Lil dawk li bdew l-ewwel sena fl-iskola sekondarja xtrajnilhom affarijiet li jridu jieħdu magħhom billi hawn dawn l-iskejjel huma *boarding*. Xtrajna wkoll ħafna xibka tan-nemus biex ikunu jistgħu jiskansaw il-marda tal-malarja".

Fil-qasam agrikolu ġiet mogħtija l-għajnuna fejn kien possibbli. "Xtrajna mutur tal-ħart u issa naraw jekk in-nies ikunux jistgħu jħaddmuh għall-għelieqi tagħhom. Xtrajna wkoll żrieragħ tal-qamħirrum biex in-nies seta' jkollhom l-ikel meta jintlaqtu minn disgrazzi naturali".

Fil-fatt anki s-sena 2007 għaddiet mit-taqlib tagħha wkoll. "Kellna żmien ta' għargħar u żmien ta' nixfa" qalilna Patri Spiru, "bil-malti ngħidu jew nejja jew maħruqa. Kienu problem kbar għall-bdiewa li tilfu l-prodotti ta' l-għelieqi kif ukoll għar-rgħajja speċjalment waqt in-nixfa. Aħna minħabba din is-sitwazzjoni bqajna nqassmu ħafna ikel, bħal fażola u qamħirrum".

Nafu biżżejjed kemm il-parroċċa ta' Patri Spiru qed twettaq mill-aħjar li tista' biex tgħin ħafna lil dawk il-fqar biex itejbu l-ħajja tagħhom. Min-naħa tagħna jixraq li nibqgħu nuru s-sens ta' solidarjeta' li hemm bżonn, anki bit-talb tagħna, b'mod partikulari biex jinstabu s-soluzzjonijiet ġusti u dejjiema għall-komunitajiet kollha f'dan il-pajjiż.

### META TKUN GĦAWDEX

- **Int mistieden** għal-laqgħat organizzati għas-saċerdoti flimkien.
- **Int milqugħ** f'mumenti ta' adorazzjoni ma' Ġesù Ewkaristija fi gruppi.
- **Int mitlub** tikkuntattja lir-Rettur biex tkun tista' tkellem lis-seminaristi u magħhom taqsam esperjenzi li jnisslu fihom ħeġġa u viżjoni għall-ħajja futura tagħhom.
- **Int imfakkar** biex issellem lil Mons. Isqof bħala sinjal ta' rabta u rispett lejn il-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi.

Gozo Press. Tel. 21551534, 99826350 Fax. 21560857

## SANTWARJU MŻEJJEN B'RIVISTA

F'dawn ix-xhur qed tkun imfakkra l-125 sena mill-ġrajja tas-Sejħa tal-Madonna mill-kappella "Ta' Pinu" u li tilħaq il-qofol tagħha fit-22 ta' Ġunju, il-ġurnata propja li fiha, kif ġie mħabbar mill-Konferenza Episkopali Maltija, "minħabba raġunijiet pastorali fiż-żewġ djoċesijiet qed tiġi ċċelebrata t-tifkira solenni".




Bi tħejjija għall-ewwel ċentinarju ta' l-1983, id-direzzjoni tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu ħasbet biex tibda tippubblika rivista, bl-ewwel ħarġa f'Jannar 1980, bl-isem propju tal-post. Għal 7 snin il-pubblikazzjoni kienet toħroġ kull 3 xhur sakemm fl-1987 bdiet tkun kull xahrejn. Mill-2002 reġgħet bdiet tkun kull 3 xhur, b'format ikbar, b'kontenut u temi speċifiċi differenti għal kull ħarġa. Sa mill-bidu tagħha kull darba ġġib intenzjoni spiritwali x'taqsam mal-qarrejja tagħha.

L-iskop prinċipali ta' din ir-rivista, li issa waslet fil-143 ħarġa tagħha, huwa li jwassal qari marjan taħt forma ta' tagħrif storiku, teoloġiku, liturġiku u anki ta' xejra letterarja. Biex tintwera r-rabta tagħha mas-santwarju, wieħed isib il-paġni bl-ismijiet ta' dawk li esprimew il-grazzi lill-Madonna, tat-trabi li ġew ippreżentati u għal ħafna snin tas-saċerdoti li jkunu qaddsu fl-istess santwarju. Ma tonqosx kronaka dettaljata, imsejħa "Mill-Ħajja tas-Santwarju", bl-attivitajiet prinċipali, fosthom il-pellegrinaġġi ta' kull xorta. Fost il-ħarġiet speċjali wieħed isib dik ta' Mejju-Awwissu 1990 b'tagħrif dwar iż-żjara tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II lill-Madonna nhar is-26 ta' Mejju.

It-tibdil li sar fir-rivista mill-2002 beda jikkonċentra l-iktar dwar suġġett wieħed kull darba, hekk per eżempju s-solennitajiet liturġiċi marjani, festi oħra marbuta mal-Madonna, ismijiet jew titli oħrajn li l-Knisja tfakkar matul is-sena liturġika. Dawn l-aħħar sentejn it-temi trattati f'rabta mal-Madonna kienu s-sagramenti, b'pittura oriġinali minn Pawlu Camilleri Cauchi għall-faċċata ta' kull ħarġa tar-rivista.